MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 988/2002/1

**Antonia Muscat**

**vs**

**Pawlu u Rita konjugi Briffa bhala kuraturi ta'' binhom minuri Cedric u b'digriet tal-25 ta' April 2003 l-atti gew legittimati f'isem Rita Briffa u fit-23 ta' Gunju 2003 Cedric Briffa assuma l-atti stante li sar maggorenni**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta' erba'' mija u erba' liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm404.25) rapprezentanti hsarat imgarrba mill-attrici in segwitu ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta' Ottubru 2001, fi Triq Karm Sammut, B'Kara wara li Cedric Briffa kien qed isuq il-vettura Peugeot KAT 983 habat gol-vettura tal-attrici liema vettura ghandha n-numru CAD 371 tat-tip Suzuki u dan minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta'' tharis tar-

regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess minuri Cedric Briffa.
Bl-ispejjes.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:-
1. Illi l-konvenuti m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-minuri Cedric Briffa ma kienx qieghed isuq il-vettura KAT 983 meta sehh l-incident de quo;

2. Illi mighajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mhux dovut u dan peress li l-incident awtomobilistiku sehh unikament b'rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' ossservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija wahda esagerata u ma tirriflettix l-ispiza reali;

Salv eccezzjonijiet ohrajn u bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda tal-attrici, ta' Theresa Muscat, ta' PS 1043 Frans Pace u ta' Aron Vella. Ha konjizzjoni tal-provi li nstemghu fil-kawza bl-Avviz Numru 1105/02 stante li bi qbil bejn il-partijiet dawn iz-zewg kawzi kienu qed jimxu kontestwalment peress li kienu jirrigwardaw l-istess incident awtomobilistiku. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra li din il-kawza kienet qed timxi kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet 'Amanda Briffa vs Antonia Muscat' (Avviz Numru 1105/02) liema kawza wkoll ser tigi deciza fis-seduta tal-llum.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attrici.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Ottubru 2001, fi Triq Karm Sammut, B'Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAD 371 u l-vettura

bin-numru tar-registrazzjoni KAT 983 li skond ir-Road Accident |Report kienet qed tinstaq minn Amanda Briffa, li jirrizulta wkoll li hija propjetarja tal-imsemmija vettura.

Hemm kwistjoni bejn il-partijiet dwar min kien effettivament qed isuq il-vettura bin-numru ta-registrazzjoni KAT 983. L-attrici Antonia Muscat tallega li din il-vettura kienet misjuqa mill-konvenut Cedric Briffa fil-mument li sehh l-impaatt filwaqt li dan tal-ahhar isostni li il-vettura kienet qed tinstaq minn ohtu Amanda Briffa u li huwa kien biss passiggier fis-seat ta' quddiem filwaqt li siehbu Aron Vella kien passiggier fis-seat ta' wara. Il-verzjoni tal-konvenut hija korroborata minn ohtu u mill-imsemmi Aron Vella. Min-naha l-ohra il-verzjoni tal-attrici hija korroborata minn ommha Theresa Muscat li kienet passiggiera maghha fil-vettura dakinhar tal-incident. Kif diga' ntqal aktar il-fuq mir-Road Accident Report (a fol. 30) jirrizulta li s-sewwieqa tal-vettura KAT 983 kienet Amanda Briffa. Meta xehed is-Surgent li nvestiga l-kaz, PS 1043 Frans Pace, u dan wara li gie mitlub jaghmel id-debiti verifiki huwa kkonferma li meta mar fuq il-post sab lill-Amanda Briffa, lill-attrici Antonia Muscat u lill-ommha u lil certu Melvin Farrugia. Dan tal-ahhar qallu li kien gie fuq il-post wara l-incident sabiex ibiddel it-tyre fil-vettura ta'Briffa. Dejjem skond is-Surgent Briffa kienet infurmatu li fil-hin tal-incident hija kellha zewg passiggiera maghha u indikatlu l-ismijiet ta' dawn iz-zewg passiggiera bhala Cedric Briffa u Aron Vella u spjega li hija kienet qaltlu wkoll li dawn kelhom jitilqu minn fuq il-post ghaliex riedu jmorru ghax-xoghol. Is-Surgent qal ukoll li huwa kien sema' lill-Amanda Briffa u lill-attrici jargumentaw bejniethom fis-sens li Muscat kienet qed issostni li l-vettura ta' Briffa kienet qed tinstaq minn guvni u meta huwa gie mistoqsi mit-Tribunal il-ghala ma kien nizzel xejn dwar dan il-fatt fir-rapport huwa rrisponda li ma rrizultalux li l-vettura kienet qed tinstaq minn haddiehor u mhux minn Amanda Briffa. Huwa qal ukoll li Antomia Muscat ma kienitx indikatlu l-isem tal-persuna li kienet qed issuq izda qaltlu biss li l-vettura kienet qed tinstaq minn guvni.

Minn dak li ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti jidher li t-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet

opposti dwar il-fatt min kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAT 983 u l-kwistjoni hija wahda ta' kredibilita'. It-Tribunal sema' liz-zewg partijiet jixhdu viva voce u anki lix-xhieda minnhom prodotti u jidhirlu li f'dan ir-ogward ghandha titwemmen it-tezi ta' Antonia Muscat kif korroborata mix-xhud minnha prodotta Theresa Muscat fis-sens li huwa tal-fehma li fil-mument tal-incident il-vettura in kwistjoni effettivament kienet qed tinstaq minn Cedric Briffa u mhux minn Amanda Briffa.

Stabbilit dan il-punt trid issa tigi determinata l-kwistjoni tar-resposabilita' ghall-incident de quo.

Antonia Muscat xehdet li dakinhar tal-incident kienet qed issuq il-vettura taghha fil-ByPass ta' B'Kara u dahlet fit-triq li mill-Bypass taghti ghal Knisja ta' B'Kara. Hija mbaghad dahlet fi Triq Karm Sammut li skond l-attrici hija ghat-telgha. Hija tghid li malli telghat it-telgha waqfet fuq sajda u bidlet il-gear sabiex tipprocedi ghad-dritt. Mid-direzzjjoni opposta rat vettura b'zewg guvintur gejja ghal fuqha u ghalhekk biex tevita din il-vettura l-attrici tghid li daret lejn ix-xellug. Hija ssostni li l-vettura, li kienet misjuqa minn Cedric Briffa, tkaxkret mal-genb tal-vettua taghha u baqghet tkaxkar sakemm waqfet ftit il-boghod. Dejjem skond Antonia Muscat il-hsara fil-vettura taghha kienet fuq quddiem man-naha tal-lemin, precizament fuq il-mudguard, ir-rota u l-fanal.

Amanda Briffa u Cedric Briffa li xehdu fil-kawza l-ohra hawn fuq imsemmija. apparti li kif diga' inghad aktar il-fuq isostnu li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAT 983 kienet misjuqa minn Amanda Briffa, jghidu li l-imsemmija vettura kienet wieqfa fuq l-Istop Sign fi Triq Karm Sammut meta giet il-vettura misjuqa minn Antonia Muscat li daret ghal fuqhom minn Triq Tumas Fenech u kaxkritilhom il-genb kollu man-naha tal-lemin. Aron Vella li kien passiggier fil-vettua ta' Briffa ukoll isostni li l-vettura ta' Briffa kienet wieqfa fuq l-Istop Sign.

Fir-Road Accident Report insibu li 'a tempo vergine' Antonia Muscat qalet hekk "Went to enter Karm Sammut Street and the other vehicle collided in same" filwaqt li

Amanda Briffa qalet li "Was coming out from K. Sammut Street into Tumas Fenech and the other vehicle turned on the far right and collided in same". Irid jjgi rilevat li 'a tempo vergine'' Briffa ma qalitx li l-vettura taghha kienet wieqfa fuq l-Istop Sign u t-Tribunal huwa aktar propens li jemmen din l-ahhar verzjoni, u ciioe' li l-vettura misjuqa minn Briffa kienet 'in motion' fil-mument tal-impatt. Dan jinghad ukoll ghaliex kieku l-vettura ta' Briffa verament kienet wieqfa fuq l-Istop Sign kif qed isostnu l-ahwa Briffa, allura il-hsara kienet tkun fuq quddiem u mhux mal-genb.

Min-naha l-ohra it-Tribunal jidhirlu li effettivament l-ahwa Briffa ghandhom ragun meta jsostnu li Antonia Muscat daret ghal fuqhom man-naha tal-lemin. Dan il-fatt huwa korroborat kemmm mill-posizzjoni tal-vetturi fl-iskizz, mill-hsarat fiz-zewg vetturi u mix-xhieda ta' Muscat stess li kif diga' ntqal aktar il-fuq tghid li kisret lejn ix-xellug biex tevita l-vettura ta' Briffa li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Dan ifisser li Antonia Muscat kienet aktar lejn il-lemin meta rat il-vettura ta' Briffa. Mill-iskizz fil-fatt jidher li l-vettura taghha hija angolata lejn il-lemin minn wara.

It-Tribunal jdihirlu li l-incident de quo sehh ghaliex Antonia Muscat qatghet il-kantuniera fil-qasir meta dahlet fi Triq Karm Sammut minn Triq Tumas Fenech biex b'hekk dahlet fil-karreggjata tal-lemin fejn sabet il-vettura ta' Briffa hierga minn fuq l-Istop Sign. Jidher ghalhekk li z-zewg sewwieqa huma t-tnejn responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni ui dan f'porzjonijiet ugwali, Antonia Muscat ghaliex qatghet fil-qasir il-kantuniera meta dahlet fi Triq Karm Sammut minflok daret ghal fuq il-karreggjata tax-xellug kif kienet tenuta li taghmel u Cedric Briffa ghaliex naqas milli jieqaf fuq l-Istop Sign kif ukoll kien tenut li jaghmel.

L-attrici esebiet Survey Report in kwantu jirrigwarda l-ammont mitlub minnha bhala danni u l-konvenut bl-ebda mod ma ressaq provi sabiex jirribattu l-kontenut ta' dan is-Survey Report. Il-hsarat riportati fl-imsemmi Survey Report jidher li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident de quo.

In vista tal-fatt li kif intqal aktar il-fuq iz-zewg sewwieqa involuti fl-incident li jifforma l-mertu tal-kawza gew ritenuti ugwalment responsabbli ghall-amkadut il-konvenut ghandu iibaghti nofs id-danni sofferti mill-attrici u cioe' is-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm202.12).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq jilqa' t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm202.12) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Cxedric Briffa ihallas lill-attrici din is-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm202.12).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom ukoll jinqasmu bl-istess mod kif giet apporzjonata r-responsabilita' ghall-incident u cioe' bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------